V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10160 – Mitsubishi Corporation/Nippon Telegraph And Telephone Corporation/Industry One JV)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 63/09)

1. Fis-16 ta' Frar 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Mitsubishi Corporation ("MC", il-Ġappun),

— Nippon Telegraph and Telephone Corporation ("NTT", il-Ġappun),

— Industry One, Inc. ("Industry One" jew il-"JV", il-Ġappun), joint venture maħluqa ġdida.

MC u NTT se jistabbilixxu Impriża bi Sħab (Joint Venture, JV) b'funzjoni sħiħa u kkontrollata bi sħab fis-sens tal-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma f'kumpanija maħluqa ġdida li tikkostitwixxi f'joint venture.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— MC: kumpanija kummerċjali integrata globali li tiżviluppa u tħaddem negozju f'varjetà ta' industriji, inklużi, fost l-oħrajn, il-gass naturali, il-materjali industrijali, iż-żejt mhux maħdum u s-sustanzi kimiċi, u r-riżorsi minerali,

— NTT: tipprovdi servizzi tat-telekomunikazzjonijiet u hija ffokata prinċipalment fuq is-segmenti tan-negozju li ġejjin: in-negozju tal-komunikazzjonijiet tal-mobile, in-negozju tal-komunikazzjonijiet reġjonali, in-negozju tal-komunikazzjonijiet fuq distanzi twal u internazzjonali, in-negozju tal-komunikazzjonijiet tad-*data* u negozji oħra,

— Industry One: tipprovdi servizzi ta' konsulenza tal-IT u servizzi ta' pjattaforma fil-Ġappun.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10160 – Mitsubishi Corporation/Nippon Telegraph And Telephone Corporation/Industry One JV

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË